KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

| GĦALL-UŻU TAL-UFFIĊĊJU BISS: | |
|---|---|
| Data tal-Applikazzjoni:<br><br>_____ /_____ / 2026 | Numru ta' Referenza tal-Applikazzjoni:<br><br>SSS____ /26 /______ |

# SKEMA TA' APPOĠĠ GĦALL-ISCREEN

# L-EWWEL FERGĦA: KITBA TAL-ISKRIPTS

## FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI

Isem L-Applikant ______________________________

Titlu tal-Applikazzjoni ____________________________

Data ta' sottomissjoni tal-Applikazzjoni __________________________

Ammont Totali mitlub
(L-Ammont massimu li jista' jintalab minn dan il-Fond huwa ta' Ewro 25,000. L-Applikanti jistgħu jitolbu sa 100% mill-ispejjeż tal-proġett)

Numru ta' Referenza __________________________________

Titlu tal-Proġett __________________________________

# 1. DETTALJI ĠENERALI

1.1 Tip ta' proġett

Immarka fejn applikabbli

☐ Finzjoni
☐ Animazzjoni
☐ Dokumentarju

Immarka fejn applikabbli

☐ Film twil intenzjonat għal teatri, festivals, televiżjoni, VOD

☐ Serje televiżiv (Episodju Pilota; Episodji Sussegwenti individwali jew bħala staġun sħiħ; Mini-Series sħiħa – din tapplika għal series ġodda kif ukoll għal staġuni ġodda ta' series eżistenti).

1.2 Il-proposta trid tissodisfa għall-inqas TNEJN minn dawn li ġejjin:

Immarka fejn applikabbli.

☐ Il-produttur jew produtturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta

☐ Il-kittieb jew kittieba huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta

☐ Id-direttur jew diretturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta

1.3 Eżami Kulturali

Niżżel il-formola li trid timtela billi tikklikkja hawn

Imliha

+ tella' l-Eżami Kulturali.

1.4 ☐ Qed jiġi kkonfermat li l-entità awdjoviżiva indipendenti hija Intrapriża Żgħira-Medja

TEMPLATE

1.5 Deskrizzjoni fil-Qosor tal-Proġett

| |
|---|
| Agħti deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett f'mhux aktar minn 150 kelma. Dan jista' jkun il-*logline*. F'każ li l-proposta tiġi ffinanzjata, din id-deskrizzjoni tittella' fuq il-websajt tal-Kunsill Malti għall-Arti. |

1.6 Qatt ibbenefikajt minn fondi pubbliċi fil-passat?

☐ Iva ☐ Le

1.7 F'każ li iva, jekk jogħġbok speċifika l-isem/l-ismijiet u d-dati tal-fondi pubbliċi li ngħataw matul l-aħħar tliet snin.

| |
|---|
| |

1.8 Dokumentazzjoni Supplimentari

+ Żid id-dokumenti

TEMPLATE

# 2. Skeda ta’ Żmien

2.1 Ipprovdi dettalji relatati mal-istadji ewlenin u mal-iskedi ta’ żmien tal-proġett.

Data tal-Bidu ____/____ /____ (Skeda ta’ żmien eliġibbli 26/06/2025 – 26/06/2028)
Data tal-Għeluq ___/____ /_____

| |
|---|
| Pass 1: ________________________<br><br>Minn: _____/____/____ sa ____/____/_____<br><br>Deskrizzjoni: |
| Pass 2: ________________________<br><br>Minn: ____/____/____ sa _____/____/_____<br><br>Deskrizzjoni: |
| (Żid il-passi kif meħtieġ) |

| |
|---|
| Dokumentazzjoni Supplimentari:<br>+ Żid-id-dokumenti |

TEMPLATE

## 3. Profili

Il-kittieb tal-iskript huwa kittieb tal-iskript bla esperjenza? ☐ Iva ☐ Le
+ F’każ li iva, tella’ l-ittra ta’ intenzjoni ffirmata mill-konsulent tal-iskript/editur.

| | | |
|---|---|---|
| Profil 1 | Isem | ________________________________________ |
| | Rwol | ________________________________________ |
| | Bijografija | ________________________________________ |
| | CV | Daħħal is-*CV* tal-Profil 1 |

Żid il-Profili kif meħtieġ

Mentor Il-proġett se jkollu bżonn Mentor? ☐ Iva ☐ Le
Jekk iva, ġentilment speċifika l-qasam li fih għandek bżonn il-mentoring.

Konsulent Il-proġett se jkollu bżonn Konsulent? ☐ Iva ☐ Le
Jekk, iva ġentilment tella’ dikjarazzjoni ffirmata li fiha l-konsulent jieħu r-responsabbiltà tar-riżultati tal-oqsma kkonsultati.

B’dan niddikjara li skont l-għarfien tiegħi, id-dikjarazzjonijiet korretti qed isiru lill-Kunsill Malti għall-Arti, u li l-informazzjoni xierqa hija ddikjarata. F’każ ta’ dikjarazzjoni falza, nerfa’ r-responsabbiltà sħiħa għal kull konsegwenza applikabbli. Immarka dawn kollha biex taqbel ma’ dawn id-dikjarazzjonijiet:

☐ Qed jiġi ddikjarat li għall-inqas direttorat wieħed jew il-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jkunu miżmuma minn ċittadini Maltin jew persuni li għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta.

☐ Qed jiġi ddikjarat li l-entità awdjo—viżiva li qed tressaq l-applikazzjoni għandha katina tat-titlu sħiħa.

☐ Qed jiġi ddikjarat li l-applikant ma jikkwalifikax taħt id-definizzjoni ta’ impriża f’diffikultà.

B’dan niddikjara li sa fejn naf jien, jiena, l-azzjonisti jew persuni li għandhom setgħat ta’ rappreżentanza jew ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet fl-entità awdjoviżiva applikanti:

☐ ma nstabux ħatja permezz ta’ sentenza finali ta’ wieħed minn dawn ir-reati li ġejjin: parteċipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali, korruzzjoni, frodi, ħasil ta’ flus, tħaddim ta’ tfal, traffikar tal-bnedmin;

☐ ma jinsabux f’sitwazzjoni ta’ falliment, likwidazzjoni, terminazzjoni tal-attivitajiet, insolvenza jew arranġament mal-kredituri jew kwalunkwe sitwazzjoni simili li tirriżulta minn proċedura tal-istess tip, jew soġġetti għal proċedura tal-istess tip; jew

☐ ma nstabux ħatja b’sentenza finali ta’ mġiba professjonali ħażina serja jew kwalunkwe reat ieħor relatat mal-integrità professjonali.



TEMPLATE

## 4. Kriterji

### L-Ewwel Kriterju: Il-Kunċett (45 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità, il-qawwa u l-oriġinalità tal-kunċett u l-iskript/it-trattament kif ukoll il-potenzjal li jintlaħqu udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Kemm il-kunċett u l-iskript/it-trattament juru oriġinalità (fit-tema, il-perspettiva u l-approċċ viżiv) (L-applikanti għandhom iqisu wkoll kif il-proposta tallinja mal-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal fit-Taqsima 1 tal-Linji Gwida u Regolamenti); (15-il marka)
- Il-viżjoni u l-istil; (15-il marka)
- Proposta b'saħħitha li għandha potenzjal li tilħaq udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. (10 marki)
- Il-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta' din il-proposta. (5 marki)

### It-Tieni Kriterju: Il-Ġestjoni tal-Proġett (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell ta' impenn u tħejjija qabel it-tressiq tal-proposta kif ukoll il-pjan propost biex iwassal u jikseb l-objettivi fil-mira. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Il-kapaċità tal-produzzjoni u r-rieda biex jiġi prodott ix-xogħol propost b'suċċess; (15-il marka)
- Ir-reputazzjoni finanzjarja u legali tat-tim kreattiv. (5 marki)

### It-Tielet Kriterju: L-Involviment tal-Udjenza u l-Potenzjal ta' Ċirkolazzjoni (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi stabbiliti u ġodda. L-involviment jirreferi għall-irwol, in-natura tal-involviment u l-esperjenza offruta lill-udjenza.
Il-potenzjal ta' ċirkolazzjoni jirreferi għall-potenzjal ta' parteċipazzjoni f'festivals (u rikonoxximent) u distribuzzjoni internazzjonali, kif ukoll il-potenzjal biex jiġi stimulat interess minn koprodutturi, festivals, swieq, aġenti tal-bejgħ, distributuri u/jew xandara/pjattaformi. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Iddefinixxi l-udjenzi fil-mira u spjega kif se jintlaħqu dawn l-udjenzi. Ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-marketing, PR u pjan ta' komunikazzjoni kif meqjusin relevanti għall-programm/i ta' attivitajiet proposti ta' attivitajiet. Spjega r-raġunijiet wara l-metodi magħżula. (20 marka)
- Jekk disponibbli ipprovdi:
    - Ittra/i ta' intenzjoni minn distributuri u membri oħra fl-industrija relatati mal-iskreening, il-festival u l-potenzjal tas-suq
    - Ittra/i ta' intenzjoni jew kuntratti iffirmati għal kożvilupp jew koproduzzjoni.

### Ir-Raba' Kriterju: Il-Baġit u l-Pjan Finanzjarju (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità u l-vijabbiltà (skont l-istandards tal-industrija) tal-baġit u l-pjan finanzjarju (fejn applikabbli). Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Ipprovdi tqassim ċar tal-baġit li jinkludi l-ispejjeż relatati direttament max-xogħol propost. (15-il marka)



TEMPLATE

Dokumentazzjoni Mandatorja:

- Katina sħiħa ta’ titlu;
- Dikjarazzjoni tal-unur li fiha l-applikant jikkonferma li l-informazzjoni pprovduta hija vera u preċiża;
- Kopja taċ-ċertifikat Malti tar-reġistrazzjoni tal-VAT;
- Ċertifikat ta’ reputazzjoni tajba tar-reġistrazzjoni l-aktar riċenti – Dan id-dokument jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u huwa prova ta’ konformità;
- Bijonoti tal-kontributuri ewlenin tal-proġett;
- Baġit (sommarju fuq quddiem u ieħor iddettaljat, importanti li turi l-ammont nett u l-ammont tal-VAT);
- Dikjarazzjoni li l-applikant ma jaqax taħt id-definizzjoni ta’ impriża f’diffikultà, hekk kif definit f’dawn il-linji gwida;
- Kopja tal-karta tal-identità Maltija, permess ta’ residenza Maltija, ċertifikat taċ-ċittadinanza Maltija jew passaport Malti tal-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jew id-direttur;
- Pakkett ta’ proġett kreattiv:
    i. Logline
    ii. Sinopsi
    iii. Trattament (massimu ta’ 10 paġni)
    iv. Stqarrija ta’ intenzjoni tal-kittieba (massimu ta’ paġna)
    v. Deskrizzjoni fil-qosor tal-udjenza fil-mira u l-istrateġija maħsuba fl-aħħar tal-proċess (pitching, eċċ.) (massimu ta’ paġna)
    vi. Sekwenza ta’ materjal riċerkattiv / filmati (massimu ta’ 5 minuti) / teaser / trailer u/jew materjal li jikkonċerna l-karattri ewlenin (jekk applikabbli) jew għall-inqas ritratti li juru l-approċċ viżiv, l-istil u t-ton intenzjonati f’każ ta’ proġetti ta’ dokumentarju
- Pjan finanzjarju (jekk il-baġit jeċċedi l-finanzjament massimu ta’ €25,000);
- Applikazzjonijiet bi ftehim ta’ kożvilupp/koproduzzjoni diġà ffirmati jiġu kkunsidrati biss jekk l-applikant jista’ jipprovdi l-ftehim ta’ kożvilupp/koproduzzjoni jew memo ta’ ftehim debitament iffirmati. Il-ftehim jew il-memo ta’ ftehim għandhom jinkludu klawżoli standard tal-industrija, fost l-oħrajn klawżoli li jirregolaw it-taqsim ta’ drittijiet u l-input kreattiv ta’ kull produttur;
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta.

Dokumentazzjoni supplimentari (jekk disponibbli):

- Kopja ta’ dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul li juri l-applikant huwa kontribwent f’Malta;
- Ittra/i ta’ intenzjoni, memo ta’ ftehim jew ftehimiet minn sħab finanzjarji u xerrejja;
- Ftehim(iet) ta’ kożvilupp u/jew koproduzzjoni, memo ta’ ftehim jew ittra/i ta’ intenzjoni;
- Xogħlijiet preċedenti;
- Noti tad-direttur;
- Stqarrija tal-produttur;
- Deskrizzjonijiet qosra tal-karattri;
- Mood board.

+ Żid id-dokumenti

N.B. Dokumenti li jeħtieġu numru minimu jew massimu ta’ paġni għandhom jinkitbu bil-Font – Times New Roman u bil-Font Size – 12.

Faljs ta’ 5MB jew inqas jistgħu jinthemżu direttament fil-formola tal-applikazzjoni, fajls akbar jistgħu jiġu pprovduti permezz ta’ ħolqa li ma tiskadix jew li teħtieġ verifikazzjoni tal-identità.

---

## 5. Baġit

5.1 Żid iċ-Ċertifikat Malti tar-Reġistrazzjoni tal-VAT
Tella’ d-dokument

5.2 Jekk jogħġbok agħżel il-kodiċi NACE applikabbli

- ☐ J59.11
- ☐ J59.12
- ☐ J59.13
- ☐ S90.11
- ☐ S90.12

Żid dokument li juri l-kategorija tal-kodiċi NACE tal-applikant
Għal mistoqsijiet dwar il-Kodiċi NACE tiegħek żur: http://nso.gov.mt/nsos-business-register/

5.3 Immarka fejn applikabbli

- ☐ Reġistrat taħt Artiklu 10*
- ☐ Reġistrat taħt Artiklu 11 (Eżentat)

*Applikanti reġistrati taħt Artiklu 10 li jirkupaw il-VAT għandhom jeskludu L-VAT rekuperabbli minn dan il-baġit

- ☐ Hawn niddikjara li skont l-għarfien tiegħi, qed isiru dikjarazzjonijiet korretti lill-Kunsill Malti għall-Arti, u li qed jiġi ddikkjarat l-istat korrett tal-VAT. F'każ ta' dikjarazzjoni falza, nerfa’ r-responsabbiltà sħiħa għal kull konsegwenza applikabbli.

5.4 Spejjeż

Tariffi artistiċi
Kontinġenza (10% tal-ispiża totali tal-baġit)
Żid spejjeż oħra



TEMPLATE

| | |
|---|---|
| Dħul | Ammont totali mitlub mill-fond<br>Żid Sorsi oħra ta’ dħul |

---

☐ Niddikjara li se nirrispetta l-kundizzjonijiet imniżżla fil-linji gwida u regolamenti.

TEMPLATE